# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tas-16 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2192/99 GC**

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Alpha Colour Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf disa' mija u zewg liri Maltin (Lm1902) rapprezentanti import ta' 22-il kambjala, 1 ta' Lm54 u l-ohrajn ta' Lm88-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 1998 sa Ottubru 1999, u mhux imhallsa, hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 22 konsekuttivament u inkluzivament;

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1902 hu cert, likwidu u ezigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ma ghandhiex dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1902 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, li sat-30 ta' Settembru 1999 jammontaw ghal Lm131, oltra l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawm ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' April 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tad-19 ta' Ottubru 2001 li biha it-talba giet ridotta b'Lm840.90 u zzomm ferm il-bilanc tas-sorte ghall-Lm1061.10, l-imghax u l-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici, kif ridotti, jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tidher u naqset li tippresenta nota ta' eccezzjonijiet;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u wiehed u sittin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm1061.10) import ta' diversi kambjali skaduti u mhux imhallsa u dana bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala mhux imhallsa sal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.